MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru. 903/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Buttigieg, bin John u Carmela neé Rapa, imwieled fit-28 ta’ Ottubru 1947 u residenti fil-fond numru 13, Triq Ganni Vella, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 85447(G) li gie akkuzat talli nhar l-Erbgha, 20 ta’ April 2011 ghall-habta ta’ 14:20hrs u f’hinijiet qabel gewwa l-Qala, Ghawdex;

1. bhala persuna licenzjata sabiex izzomm arma tan-nar, abbunduna u ma zammx fil-kustodja tieghu b'tali mod li ma tigix f'idejn haddiehor arma tan-nar Beretta S/N E05678/05 li kienet ikkargata bi tliet skratacc u minghajr ghata kif ukoll il-munizzjon, u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 47(1) tal-Att dwar l-Armi Kapitlu 480;

2. minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonjiet ta' kull ligi ohra, ikkacja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur, b'kull mezz, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida mahruga mid-Direttur, u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati f'dik il-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

3. zamm xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew xi parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huwa pprojbit taht regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u rregistrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dan l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolamenti 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar-regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena taht regolament 27 tal-A.L. tal-2006 jekk kif emendat tordna

konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49 (2) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika miz-zamma jew l-akkwist ta’ xi licenzja, permess jew awtorita’ mahruga taht l-istess regolament ghal zmien mhux inqas minn sena.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi kif prodotti, ma jiirrizultax li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew pruvati.  Mhux l-istess jista’ jinghad ghat-tielet (3) u ghar-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.  Illi, fir-rigward ta’ piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat rigward it-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota li r-raba’ (4) imputazzjoni tista’ facilment tigi kunsidrata bhala kompriza u nvoluta fit-tielet (3) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 4(1)(e) u 4(1)(f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet u tikkundannah multa komplessiva ta’ tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€ 325).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------